**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU L-ERBGĦA U ERBGĦIN 10ta' OTTUBRU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, l-Kunsillier is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri avża li ma setgħax jattendi għax ser ikun imsiefer.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **44.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 44.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard nforma li ma setgħax jattendi għax ser ikun imsiefer**. Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **44.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 44.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq punt 43.6D.2 il-kuntrattur tal-bankini qed jonora l-kuntratt. Hu żied jgħid li l-kuntrattur tal-knis mhux jonora l-kuntratt tiegħu għax qatt għadu ma rah juża l-vacuum machinery li kellu fil-kuntratt. Kien hemm qbil li tinġibed l-attenzjoni u jekk ma jkunx onorat il-kuntratt, il Kunsill jieħu l-passi li hemm bżonn. |
| | | |
| 44.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***44.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 44.3.1 | | Is-Sindku beda biex feraħ lis-Sinjuri Dino Bonnici u Kenneth Farrugia għal wild il-ġdid li kellhom. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 44.3.2 | | Is-Sindku qal I ħames pitturi miż-Żurrieq, jixtiequ li jibdew jiltaqgħu f'Dar Mattia Preti biex ipittru u l-flus li jiġbru mill-bejgħ tagħhom, jmorru għal għan filantropiku.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq l-istess każ din il-persuna tkellmet mal-Kap tal-iskola u xtaqet li tieħu s-sala tal-Kunsill/Skola biex tintuża għall-istess għan. Il-Kap tal-iskola avviċina lill-Kunsillier D'Amato għall-approvazzjoni.<br><br>Kien hemm qbil li din il-persuna tirranġa mal-kap tal-iskola għas-sala tal-iskola, u jiġi nfurmat il-kap tal-iskola, li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tintuża għal dan l-iskop. |
| | | |
| ***44.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 44.4.1 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li f'attivita' li organizzaw Zurrieq Wolves Athletics, hi kienet preżenti u ħadet it-trofew f'isem il-Kunsill.<br>Is-Sindku f'dan il-punt qal li lilu waslitlu stedina ġurnata biss qabel u informa li minħabba li ma kienx jaf qabel, ma setgħax imur minħabba inpenji oħra pjanati.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-okkażjoni l-Kunsill ġie mfaħħar ħafna mill-President taż-Zurrieq Wolves Athletics, tal-għajnuna li jagħti matul is-sena. |
| | | |
| 44.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li kien inqala arblu minn ġnien il-bennej, u għadu ma ġiex mibdul b'ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur avżat biex iwaħħal ieħor. |
| | | |
| 44.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li xi persuni qed jarmu skart goff fejn l-ex miżbla ta' Wied Fulija u għalkemm il-Kunsill irrapprta darbtejn kemm lill Cleansing Department u kemm lill-pulizija, imma s'issa għadhom ma ittieħdux passi. |
| | | |
| 44.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ssuġġierixxa li ssir zebra crossing fi Vjal ix-Xarolla viċin l-bus stop. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 44.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jissuġġerixxi li l-Kunsill jipproponi lill-Ministeru għall-kultura biex jirrestawra t-torri tal-wardija, biex ma jkomplix jiddeterjora. |
| | | |
| 44.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal il-Kunsill kien tefa applikazzjoni biex art fi Triq Gervaze Matthew joħodha l-Kunsill biex jużha għal uffiċini u sala tal-Kunsill, imma wara snin, il-Kunsill ġie nfurmat li l-art hi ta' terzi persuni u l-Kunsill ma jistax joħodha. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ser tiċċekja fuq il-każ u terġa tkellem lill-Kunsill fuqha. |
| | | |
| 44.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex isiru pots kbar bi pjanti fi Vjal ix- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Xarolla.<br>Is-Sindku ssuġġerixxa li l-pots jixtrihom il-Kunsill u l-pjanti jinxtraw mill-ġenituri li jkollhom wild ġdid jew minn għaqdiet tal-lokal u jkun hemm l-isem ma kull pot ta' min ikun ħallasha.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ser jiġbor stimi tal-pots u pjanti. |
| | | |
| 44.4.7 | | Is-Sindku qal li kkuntatja lill-kuntrattur li qed jaħdem fuq ir-roundabout ta' Vjal il-Blue Grotto u ġie infurmat li sal-aħħar ta' din is-sena għandha tkun lesta. |
| | | |
| 44.4.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ppropona li ssir zebra crossing fi Triq Wied Babu. Kien hemm qbil li ssir fejn ma joqgħdux persuni ħalli ma ttellef lill-ħadd. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 44.4.9 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-half marathon ta' din is-sena ser tkun fil 11 ta' Novembru, fejn hu mistieden li jattendi il-Kunsill kollu. Qed isiru laqgħat u xogħol fuq din l-attivita'. |
| | | |
| 44.4.10 | | Is-Sindku qal li talab lill-Kunsillieri biex jaħsbu għal write up fuq il-Kunsill News. F'dan il-punt il-Kunsillier Dino Bonnici ssuġġerixxa li f'waħda mil-paġni tal-Kunsill News jkun imsemmi ż-żagħżugħ Chris Farrugia li ġie magħżul biex jitla jilgħab il-football f'Shefield b'kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament u f'dan il-ħin feraħ liż-żagħżugħ għal dan is-suċċess u li hu ta' unur għaż-Żurrieq. |
| | | |
| 44.4.11 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici semma żewġ affarijiet pendenti li jrid jagħmel il-perit tal-Kunsill u li minħabba n-nuqqas tiegħu qed ibgħati l-Kunsill. Il-Kunsillier Pierre Farrugia kkonerma dan kollu u qal li lill-kuntratturi oħra,meta jkollhom nuqqas, il-Kunsill dejjem bagħat ittri ta' twissija u lill-perit qatt ma intbagħtitlu waħda. Is-Sindku kkonferma dan kollu u żied jgħid li jaqbel li l-Kunsill jibgħat warning lill-Perit u jesiġi li jsir dan fl-iqsar żmien.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bħalissa l-perit qed jaħdem fuq żewġ proġetti kbar tal-Kunsill u għalhekk qed jikkonċentra fuqhom. Is-Sindku insista li għandha tintbagħat ittra ta' twissija xorta.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 44.4.12 | | Il-kunsillier Joseph D'Amato qal li fi Triq l-Imqabba fejn il-Convenience shop qed ikun hemm konġestjoni sħieħa minħabba parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jikteb lill-LESA u din id-darba jkellem lill- Ray Zammit u lill-Membri parlamentari kollha tad-distrett biex issir is-CCTV fl-akwata. |
| | | |
| ***44.5*** | | ***RAPPORTI FINANZJARJU TAT-TIELET KWART*** |
| | | |
| 44.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena. Dan ġie approvat biex jintbagħat. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***44.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| ***44.6A*** | | ***Attivita' ta' Halloween – ser tkun mistiedna Ms Cassar Bellizzi u Ms Charmaine Bellizzi D'Amato*** |
| | | |
| 44.6A1 | | Is-Sindku stieden lis-Sinjuri Cassar Bellizzi u Bellizzi D'Amato biex jagħmlu l-proposti tagħhom.<br><br>Is-Sinjuri Bellizzi nfurmaw lill-Kunsill li s-sena l-oħra ttellgħet attivita fil-Halloween li ntlaqgħet tajjeb ħafna u għalhekk għal din is-sena trid li terġa torganizza tali attivita' bl-għajnuna tal-Kunsill biex għal din is-sena l-attivita' tkun aħjar.<br>Is-Sinjura Cassar Bellizzi qalet li l-attivita' tkun fil-31 ta' Ottubru u tikkonsisti: 18:30 jiltaqgħu fi Triq Fra Gan Mari Zammit fejn ikun hemm face painting u wara jibdew mexjijn iħabbtu l-bibien sakemm jaslu sal-Misraħ f'xid-21:00. Isir xi qari ta' storja fuq it-tema u żifna relatata.<br>Mill-Kunsill ikollha bżonn: permessi tal-pulizija u sharing tal-poster fuq il-midja soċjali.<br>Meta ħarġu mill-kamra l-persuni mistiedna, l-Kunsill iddiskuta l-każ u kien hemm qbil li l-attivita' għandha tkun organizzata mill-persuni li ġew jiddiskutu mal-Kunsill u l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni tal-organizzazzjoni. |
| | | |
| | | |
| ***44.6B*** | | ***PROPOSTA GĦALL-ĦINIJIET ĠODDA TAL-FTUĦ TAL-UFFIĊĊJU*** |
| | | |
| 44.6B.<br>1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fid-dawl ta' ħafna uffiċċini tal-Kunsilli Lokali qed jiftħu f'ħinijiet differenti u fid-dawl li fi ftit xhur oħra waħda mill-impjegati preżenti ser toħroġ bil-maternity leave, hi qed tissuġġerixxi li l-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju għall-pubbliku jkunu mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7:15 sas-14:15, (l-impjegati jidħlu kwarta qabel il-ħin tal-ftuħ u joħorġu kwarta wara l-ħin tal-għeluq) u kull nhar ta' Sibt l-uffiċċju jiftaħ bejn s-7:30 u l-11:15 tal-filgħodu mingħajr il-ħtieġa li l-Kunsill iħallas ħlas żejjed għall-overtime tal-impjegati.<br>B'dawn il-ħinijiet r-residenti jkunu moqdijin aħjar għax il-maġġoranza tan-nies jiġu fl-uffiċċju filgħodu sa minn qabel ma jiftaħ l-uffiċċju u minħabba li ser ikun hemm xhur fejn skrivana (full timer) ser tkun bil-leave twil, l-iskrivana l-oħra fil-maġġoranza tal-ħin, tkun akkumpanjata miż-żewġ skrivani li jaħdmu bir-reduce hours. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ skrivani li bħalissa jinsabu bir-reduce hours għalkemm lesti li jgħinu meta l-impejgata l-oħra toħroġ bil-maternity leave, mhumix lesti li jaqilbu għal xogħol full time, fl-istess ħin l-impjegata li ser toħroġ bil-maternity leave talbet li jekk il-ħinijiet ma jinbidlux, tingħata hi ukoll l-opportunita' tar-reduce hours. Il-Kunsill ma jistax jibbaża biss fuq skrivana waħda full timer. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma tarax soluzzjoni oħra.<br>Is-Segretajru Eżekuttiv talbet direzzjoni mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, fejn irċeviet ir-risposta li kull Kunsill għandu jimxi fuq id-direttiva ta' MEMO 103/2010 li titlob li l-Kunsill irid ikun miftuħ mit-8:00 sas-13:00 mit-Tnejn sal- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Ġimgħa u s-Sibtijiet bejn it 8:00 u l-11:00.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil fuq dan. Dawn il-ħinijiet ser jibdew fl-immedjat u mhux ser ikunu ħinijiet temporanji. |
| | | |
| | | |
| ***44.6C*** | | ***Bye law attivitajiet fi Ġnien il-Ġibjun*** |
| | | |
| 44.6C1 | | Il-Kunsillier Tiffanny Ann Farrugia ressqet il-bye law hekk kif emendata, għall-approvazzjoni tal-Kunsill. **Dok 2 mehmuż.** Din ġiet approvata biex tintbagħat lill awtoritajiet konċernati.<br><br>Kien hemm qbil li ssir bye law oħra biex f'kull ġnien taż-Żurrieq ma jkunx hemm logħob bil-ballun, roti u dħul ta' klieb.<br><br>F'dan il-ħin il-kunsillier Pierre Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 20:15) |
| | | |
| | | |
| ***44.6D*** | | ***Proġett ta' madwar il-Mitħna tax-Xarolla (taħt miżura 4)*** |
| | | |
| 44.6D1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-proġett tal-madwar tal-mitħna tax-Xarolla miexi imma l-Kunsill sab intopp. Għax il-parti li ser jagħmel il-Kunsill Safi ser tkun ta' ammont tant kbir li l-Kunsill Ħal Safi mhux f'pużizzjoni li jiffinanzja l-proġett.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jipproċedi u jiffinanzja l-proġett tal-parti taż-Żurrieq mill-fondi tal-UIF.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Dino Bonnici ħareġ mis-seduta (ħin 20:30) |
| | | |
| | | |
| 44.6D2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li xogħlijiet ta' mili ta' applikazzjonijiet ta' dawn il-miżuri u żamma ta'files u għajnuna fuq proċċeduri, qed isiru minn kumpanija privata li l-Kunsill diġa ħadem magħħa fuq proġetti oħra MS Advisory Services. Hi talbet stima ta' dan ix-xogħol fuq din l-applikazzjoni, li tali stima tammonta għall- 950Euro + Vat.<br><br>Kien hemm qbil li tali xogħol jingħata lill-kumpanija MS Advisory Services wara li jiġi ffirmat kuntratt. |
| | | |
| ***44.6E*** | | ***Konfini ż-Żurrieq / Ħal Safi*** |
| | | |
| 44.6E1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mis-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula, fejn qed jitlob li l-parti fejn hemm Misraħ Ħlantun u Triq Ħal Far ara **Dok 3 mehmuż** jinqalbu l-konfini tagħhom, anke għall-fatt li preżentament il-Kunsilli qed jieħdu l-inkarigu u ħsieb dak mitlub fl-email, diġa. Imma dan qed jintalab biex il-kwistjoni issir formali.<br><br>Il-Kunsill Joseph D'Amato li kien tkellem mas-Sindku Johan Mula, fejn qablu fuq dan ir-rigward, biex il-kunsilli flimkien jitolbu lid-DLG biex jinbidlu l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | konfini. Ser tintalab ukoll biex Vjal ix-Xarolla u Triq il-Kuċċard isiru toroq distributorji u arterjali, biex il-Kunsilli jiġu eżentati minn kull manutenzjoni ta' dawn it-toroq.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-Seduta 20:45 |
| | | |
| ***44.6.D*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 44.6D. 1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq ilment li daħal minn Triq il-Ħaddiema, fejn qed jingħad li yellow line li hemm quddiem dar partikolari jinsab kontra l-liġi għax tali akwata mhix privata. Is-Segretarju Eżekuttiv wriet il-provi li tressqu mill-perit ta' resident li qed jagħmel l-ilment. Il-Kunsill talab direzzjoni minn TM. Kien hemm qbil li tali sinjal jitneħħa. **Dok 4 mehmuż**. |
| | | |
| 44.6D. 2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment minn residenti ta' Triq San Luqa li qed jilmentaw li pjanta li tinsab imħawla minn persuna li m'għadix toqgħod fit-triq, qed tħammeġ l-akwati għax twaqqa ħafna weraq. **Dok 5 mehmuż**.<br>Kien hemm qbil li tintbagħat ittra li-sid. |
| | | |
| 44.6D. 3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mill-perit tal-Kunsill, b'risposta fuq ilment li għamel il-Kunsill fuq ir-ranep tat-toroq Dun Ġużepp Farrugia u Triq Dun Luret Zammit. Il-perit qal li l-uika soluzzjoni li hemm hija li l-bankini jiġu irranġati biex n-nies jkunu jistgħu jimxu fuqhom. L-garaxxijiet jiġu aċċessati billi jsiru ranep tal-injam li jitpoġġew u jitnaħħew kull meta jdaħlu jew oħorġu l-karozza. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jixtieq li għal dan il-punt ikunu preżenti il-Kunsill kollu meta tiġi diskussa. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 44.6D. 4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta minn resident biex fil-post ta' fejn il-Garden of Eden isiru xi bankijiet u siġar imdawrin b'ħajt tas-sejjieħ biex jibqa mal-istess stil tal-akwata. **Dok 6 mehmuż**<br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li l-Cleansing Department lest li jgħin lill-Kunsill. Kien hemm qbil li s-Sindku ser imur jara l-post u l-każ ikun diskuss wara. |
| | | |
| 44.6D. 5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba biex isir bin fejn is-Six bar fi Triq P P Saydon u dog bins fi Vjal ix-Xarolla. Kien hemm qbil li jsiru 2 dog bins fi Vjal ix-Xarolla. |
| | | |
| 44.6D. 6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-polza tat-travel u l-agreement tas-sage evolution support għat-tiġdied. Kien hemm qbil fuq it-tiġdied ta' dawn iż-żewġ kuntratti. |
| | | |
| 44.6D. 7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mil-kandidat għall-Parlament Ewropew, Dr Joseph Sammut li stieden lill-Kunsill biex jiltaqgħa miegħu u jurih il-bżonnijiet |

| | | |
|---|---|---|
| | | tiegħu.<br><br>Kien hemm qbil li s-Sindku ser ikellem lill-Dr Joseph Sammut f'isem il-Kunsill. |
| | | |
| 44.6D. 8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex trejqa li minn Triq Wied Babu tagħti għal Triq il-Wied issir no entry miż-żewġ naħat. Dan minħabba li tali trejqa hi dejqa wisq biex tagħtti vettura u persuna timxi. Kien hemm qbil li ssir one way miż-żewġ naħat. |
| | | |
| 44.6D. 9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet avviċinata mill-iskola primarja taż-Żurrieq, fejn infurmawha jekk il-Kunsill hux lest li jidħol b'kollaborazzjoni mal-iskola, biex itellgħu attivita għall-pink October. L-iskola tixtieq li l-Kunsill jixtri madwar 500 tuffieħa biex jitqassmu fl-okkażjoni. Għaċ-ċerimonja jkunu mistieden il-Kunsill.<br>Il-Kunsill ma qabilx ma' dan. |
| | | |
| 44.6D. 10 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'seduti preċedenti kien semma li fi Vjal il Blue Grotto hemm 60 siġra tal-palm imma fil-fatt hemm 120 siġra għalhekk l-ammont tad-dawl tal-milied ser jiżdied id-doppju. Kien hemm qbil li l-Kunsill imexxi bl-istima preċedenti ġaladarba ma jinqabżux il-5,000Euro. |
| | | |
| 44.6D. 11 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment biex titmexxa bollard għal kantuniera fi Triq il-Mitħna k/m Triq San Mark – hi wriet ir-ritratti. Is-Sindku ma qabilx u qal li għandu jibqa kollox kif inhu bħalissa. |
| | | |
| | | |
| 44.6D. 12 | | Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tinbidel il-kamra tal-banju tas-sular ta' isfel. Kien hemm qbil li jiġibu l-istimi. |
| | | |
| 44.6D. 13 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li rappreżentanza ta' disgħa minn nies ġejjien Malta bejn id-9 u 11 ta' Novembru li ġej. Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla jorganizza l-mawra tagħhom. Il-Kunsill qabel i jħallas it-trasport u ikla waħda bejn il-kunsill Zurrieq u huma. |
| | | |
| 44.6D. 14 | | Is-Sindku qal li ser jorganizza attivita fil 21 ta' Diċembru għal żmien il-Milied. Ser tkun dinner dance fil-lukanda Cavalieri. |
| | | |
| ***44.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 44.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 52 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***44.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 44.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali tal-laqgħa numru 11 li saret fit-27 ta' Awwissu, 2018 u tal-Gal Xlokk numru 85 li saret fit-22 ta'Awwissu, 2018. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***44.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 44.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 7** għall-ammont totali ta' **€43,834.18**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsilliera David Abdilla.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours**<br><br>Mhux suppost li jkun hemm ħafna overtime minħabba l-ħinijiet ġodda tal-ftuħ tal-uffiċini. |
| | | |
| ***44.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 44.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 14 ta' Novembru, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum __14 ta' NOVEMBRU, 2018.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**